**15 ta' Marzu, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Schembri pr. et ne.

*versus*

Joseph Zammit

**Kolliżjoni — Leżjoni Personali — Danni — Kura Medika — Kolpa Kontributorja.**

*Għall-saħħtu, kulħadd għandu dritt jikkonsulta aktar minn tabib wieħed, lokali jew esteru; basta li ma jkunx hemm eżaġerazzjonijiet. U hekk, persuna li ssofri leżjoni personali minħabba ħtija ta' ħadd ieħor, għandha dritt tirreklama*

*bħala danni anki l-ispejjeż li tkun għamlet biex marret tik-kura ruħha barra minn Malta, jiġifieri l-onorarju li tkun ħallset lit-tabib ta' barra u l-ispejjeż tal-vjaġġ u tal-permanenza tagħha fil-pajjiż barrani, u, jekk tkun minorenni, anki l-ispejjeż tal-vjaġġ u tal-permanenza barra minn Malta ta' persuna li tkun akkompanjatha.*

*Billi persuna tkun korriet għax kienet f'karrozza li ġiet f'kolliżjoni ma' karrozza oħra, u hija kellha jdejha sporġuti ftit il-barra mill-finestrin tal-karrozza li fuqha hija kienet tivvjaġġa, hija ċertament ma tistgħax titqies responsabbli tad-danni li sofriet, jew ta' ħtija kontributorja, jekk il-fatt tal-isporġenza tagħha ma jkunx ikkontribwixxa bl-ebda mod għall-kolliżjoni. Il-kwistjoni hi ta' min hija l-ħtija tal-kolliżjoni f'sens legali.*

*Ċerti sporġenzi minn vettura huma komunissimi u perfettament permessi; u vettura li tkun sejra tinkroċja jew tissorpassa vettura oħra hi obligata żżomm distanza laterali sufficjenti biex tipprovdi għalihom, għalkemm din hi drawwa nkonsulta tal-passiġġieri mill-punto di vista tal-inkolumità personali tagħhom. Imma kolpa kontributorja ma hemmx jekk ma hemmx kolpa fis-sens ta' mprudenza jew negliġenza materjali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-imsemmija Annie Schembri, fil-kolliżjoni li ġrat fit-23 ta' Lulju 1956 bejn it-truck numru 4592, li kien isuqu l-konvenut, u l-karrozza numru 5294, sofriet leżjoni personali b'debilitazzjoni permanenti, u danni oħra konsistenti fil-kura li għadha in korso; u din il-kolliżjoni ġrat ħtija tal-konvenut, b'negliġenza, traskuraġni fis-sewqan, imperizja jew ħtija oħra; u l-attur Carmelo Schembri ħallas, bħala missier, l-ispejjeż tal-kura; talab:— (1) Li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi a kawża ta' dik il-kolliżjoni; (2) dawn id-danni jiġu likwidati minn dik il-Qorti, billi fost id-danni tiġi nkluża somma għall-kumpens tal-perditi tal-qliegħ futur ta' Annie Schembri a kawża ta' debilità permanenti minnha sostnuta; (3) u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' danni li tiġi hekk likwidata, bl-inte-

ressi legali; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 1958 u tad-19 ta' Lulju 1958 diretta lill-kumpannija tal-assikurazzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Ottubru 1962, li biha qatgħet u ddeċidiet billi ddikjarat lill-konvenut responsabbli tal-kolliżjoni u tad-danni konsegwenzjali, illikwidat id-danni fl-ammont ta' £1057. 16. 3d, in kwantu għal £187. 16. 3d għal "damnum emergens", u għal £870 għal "lucrum cessans"; u fl-aħħarnett ikkundannat lill-konvenut iħallas is-somma globali hekk likwidata, bl-imgħax legali mil-jum tas-sentenza. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut, barra dawk tal-perizja, li għandhom ikunu ripartiti fis-sens li nofs jitħallsu mill-konvenut u n-nofs l-ieħor jitħallsu disgħa parti minn sitta u ħamsin l-atturi u sebgħa u erbgħajn parti minn sitta u ħamsin mill-istess konvenut ukoll; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher illi l-kwistjoni nvoluta f'dan il-ġudizzju tirraġġira ruħha dwar jekk il-konvenut kellux jew le responsabbiltà għall-kolliżjoni menzjonata in atti, fejn it-tifla tal-instanti ġiet offiża fuq il-persuna; u jekk jirriżulta li huwa ħati għal dak id-delitt kolpus, jiġu determinati d-danni li l-istess konvenut għandu jħallas għat-tort tiegħu, u konsegwentement jiġi kundannat għalihom;

Mill-provi jirriżulta li fit-23 ta' Lulju 1956, filgħodu, wara d-9.30 a.m., u fil-parti tat-triq ta' High Street, San Pawl il-Baħar, quddiem il-Mikado Cinema, sewwa sew qabel ma wieħed li jkun sejjer id-direzzjoni tax-Xemxija jasal għall-kantuniera li tisporġi fuq ix-xellug u d-djuq tat-triq mill-wisgħa ta' 28 pied għal 19 il-pied, ġew in kolliżjoni x-char-a-banc numru 5294, misjuq minn Carmel Grima, li kien sejjer lejn id-direzzjoni tax-Xemxija, u t-truck numru 4592, li kien qiegħed isuq il-konvenut għad-direzzjoni opposta għal dik tax-char-a-banc. Din il-kolliżjoni saret bil-parti ta' wara tat-truck, billi ċ-ċappetta retrostanti tiegħu barxet u ħaqqet il-ġenb tax-char-a-banc u ħalliet barxa twila xi 4 piedi, u fl-istess ħin iddanneġġjat żewġ pjanċi tan-naħa tal-lemin tal-istess bus, u preċiża-

ment dawk immedjatament posterjuri għall-kabina tad-driver. F'din il-mesħa taż-żewġ vejikoli kollidenti korriet it-tifla tal-instanti, li kienet qegħdha tivvjaġġa fil-bus, fittieni jew it-tielet "seat" tal-lemin wara l-konduttur, u li kellha l-minkeb ta' driegħha jistrieħ fuq is-soll tal-finestrin immedjatament ħdejn fejn kienet bil-qegħda bil-minkeb sporġut xi pulzier il-barra mit-tieqa. u l-istess irriportat ħsara jew offiża personali li kienet timporta nkapaċità permanenti parzjali;

Illi dawn huma l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna. Il-konvenut jattribwixxi t-tort għall-kolliżjoni lill-konduttur tax-char-a-banc, u fl-istess ħin qiegħed jgħid illi d-dannu personali soffert mit-tifla tal-instanti kien dovut għall-imprudenza tagħha, billi kellha l-minkeb ta' driegħha sporġenti mill-finestrin tat-tieqa tal-bus li kienet immedjatament ħdejn il-post fejn kienet qegħdha bil-qegħda fl-istess bus;

Illi minn dan jitnissel li l-fatti għandhom jiġu eżaminati, għad-determinazzjoni tal-ħtija pjena jew kontributorja fil-konfronti tal-aġir tat-tifla tal-attur, fil-konfronti tal-konvenut, u neċessarjament ukoll fil-konfronti tal-konduttur tal-bus fejn kienet it-tifla meta korriet;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tifla tal-attur huwa tajjeb li jingħad li hija ma tista' tkun qatt responsabbli tal-kolliżjoni vera u proprja, iżda tkun tista' tiġi ritenuta li kkontribwiet bil-fatt li kellha minkbejha barra mill-finestrin xi pulzier, jew ftit anqas minn pulzier (ara depożizzjoni ta' Annie Schembri fol. 69 u rimarka tal-perit ġudizzjarju) meta saret il-kolliżjoni li għaliha sofriet id-dannu, jew aħjar il-leżjonijiet personali li ddanneġġjawha. Huwa fatt fiżiku li kieku Annie Schembri ma kellhiex driegħha jisporġi kemm għidna mill-isportellin jew mill-finestrin, id-dannu materjali tal-kolliżjoni kien ikun ċirkoskritt għal wieħed mill-vejikoli biss, li "per sè" ma kienx ikun jikkonsisti f'dannu kbir jew estis għax-char-a-banc, li kien vejikolu li sofra d-dannu mill-istess mesħa ("shave") jew ħabta waqt il-mixi. Imma mill-banda l-oħra huwa wkoll minnu li vejjikoli li jkunu mexjin fuq it-trieq f'direzzjoni opposta u fuq in-naħa tagħhom, meta ma jkunx hemm ċirkustanzi di fatto li jimpeduhom, ma għandhomx jgħaddu minn ħdejn xulxin kull wieħed għad-direzzjoni tiegħu

kważi jħokku ma' xulxin, bla ebda spazju raġjonevoli bejniethom; għar-raġuni li dik il-manuvra, li tista' tiġi evitata, hija perikoluża aktar minn dik meta jgħaddu lil xulxin bi spazju bejniethom suffiċjentement separattiv. Jekk mbagħad iċ-ċirkustanzi ta' fatt, sew topografiċi, sew partikulari u momentanei, ma jippermettux li l-vejikoli opposti jgħaddu lil xulxin imbegħdin minn xulxin, peress li l-manuvra tkun aktar diffiċli u perikoluża, il-konduttturi għandhom jaraw qabel jistgħux jgħaddu t-tnejn, u jekk ma jistgħux jagħmlu b'mod li wieħed jew l-ieħor minnhom iraġġa' lura fil-parti tat-trieq aktar wasgħa, sabiex jgħaddu wieħed wara l-ieħor, u hekk jgħaddu bla ħsara, imma fid-djuq jirrallentaw il-pass, u jgħaddu bil-mod ħelu ħelu;

Dak ir-rallentament tal-mixi ma jistgħax ma jiġix notat mill-passiġġieri li jkunu fuq il-vejikoli, fis-sens li tkun qegħdha ssir manuvra diffiċli, u kien iservi anki biex jirrikjama l-attenzjoni tagħhom. Issa, fil-każ in konkret, mal-ġnub tat-trieq (fuq il-karreġġjata) kien hemm l-arbli tal-festa, li kienu xi nofs pied il-barra mill-bankina (ara depożizzjoni Charles Zammit, ħu l-konvenut, fol. 66), u l-konvenut kien għaddej xi pied il-barra minn dawk l-arbli (ara depożizzjoni konvenut fol. 71 tergo u Charles Zammit fol. 67) tan-naħa tiegħu. Dawn l-arbli tal-festa ndubbjament kienu jnaqqsu taħt iċ-ċirkustanzi l-wisgħa tal-karreġġjata, apparti l-fatt li, għalkemm ir-"road way" fejn sar il-każ hija fil-fatt bla tfixkil tal-arbli fronteġġjanti nnaħa tat-trieq wiesgħa 28 pied u 3 pulzieri, fil-fatt, kif sejjer jiġi spjegat aktar tard, tista' tiġi, għar-raġunijiet topografiċi tal-lungezza kollha tat-trieq, kunsidrata wiesgħa 19 il-pied u 10 pulzieri, liema miżura tirrendi l-passaġġ taż-żewġ vejikoli in kwistjoni fuq superfiċi stradali aktar dejqa. Jingħad li fuq dan l-ispazju l-konvenut għażel li jgħaddi mkaxkar ma' char-a-banc meta kellu spazju minn naħa tiegħu minn fejn jgħaddi, u meta kien lemaħ ix-char-a-banc minn xi 30 pied (ara depożizzjoni Charles Zammit fol. 66). b'mod li anki kieku wieħed mill-passiġġieri tax-char-a-banc kellu biss is-swaba ta' idu fuq is-soll tal-finestrin iħarsu mrikkbin il-barra, kien ukoll iħaxkimhom. Dan il-fatt juri u jnissel ċar li l-kawża tal-ħsara kaġunata lil Annie Schembri ma kienetx għaliex kellha minkibha xi pulzier jew anqas jixref mill-finestrin, imma l-għaliex, meta l-konvenut għadda fuq is-side tiegħu l-lemin

tax-char-a-banc, ħaxken wisq lejh, b'mod li mesħu u saret *il-kolliżjoni;*

Illi kwindi, ma jistgħax jingħad li Annie Schembri kkontribwiet għad-dannu minnha soffert, taħt iċ-ċirkustanzi ta' fatt riżultati;

Illi, stabbilit dan li ntqal fuq, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-fatt fil-konfront tal-konvenut u Carmelo Grima, il-mexxej tax-char-a-banc, sabiex tiddetermina min minnhom, u sa liema miżura, kellu jirrispondi *għall-kolliżjoni;*

Illi l-fatti segwenti jidhru li jwasslu għal deċiżjoni sfavorevoli għall-konvenut, fis-sens li huwa kien ir-responsabbli għall-ħabta in kwistjoni; u ċjoè:—

*Omissis;*

Illi minn dan jitnissel illi, kieku l-konvenut qagħad attent biżżejjed u naqqas il-veloċità, kien ikollu spazju *suffiċjenti sabiex jgħaddi minn fejn għadda bla ma jmeslaħ* jew iħoqq max-char-a-banc in kwistjoni;

Illi kwindi l-konvenut fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, għandu jkun kunsidrat responsabbli tal-ħabta in kwistjoni u tad-danni konsegwenzjali;

Illi dawn id-danni materjali u effettivi sofferti millattur għandhom ikunu ammessi:—

Illi l-leżjoni, jew aħjar l-offiża personali( apportata mill-kolliżjoni lil Annie Schembri tinsab bid-dettall deskritta fid-depożizzjoni tal-Professur Alfred John Craig (fol. 75 tergo), u timporta f'Annie Schembri inkapaċità ta' natura permanenti parzjali li tkun timpediha minn kwalunkwe mpjeg industrijali jew domestiku, li hija ma tkunx tista' qatt tassumi ebda xogħol ta' u f'xi uffiċċju, ma tkunx tista' taqla' l-għajxien tagħha f'ebda xogħol li normalment jagħmlu xi nisa. u tista' wkoll, biċ-ċikatriċi deformata li għandha u rriportat, tkun *preġudikata fl-opportunità* li jista' jkollha biex tunixxi ruħha fi żwieġ. Annie Schembri l-lum għandha għoxrin sena;

Illi, wara li ħasbet fit-tul, din il-Qorti tħoss li tista' taqbel mal-perit ġudizzjarju li s-somma li għandha tiġi akkordata lil Annie Schembri bħala dannu taħt dan il-punt hija dik ta' *£870*;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fil-meritu in kwantu ddikjaratu responsabbli tal-kolliżjoni u tad-danni konsegwenzjali, u in kwantu llikwidat id-danni fl-ammont ta' £1057.16.3 u kkundannatu jħallas dik is-somma bl-imgħax legali mill-jum tas-sentenza, billi minflok jiġi dikjarat li hu mhux responsabbli tal-kolliżjoni u tad-danni konsegwenzjali, u għalhekk hu jiġi liberat minn kwalunkwe kundanna għall-ħlas; is-sentenza appellata għandha wkoll tiġi riformata fil-kap tal-ispejjeż, fis-sens li kollha jiġu mwaħħla lill-atturi; u għalhekk it-talbiet ta' dawn jiġu miċħuda "in toto"; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

1. .................................................. £22. 10. 0d;

2. .................................................. £30. 0. 0d;

3. .................................................. £ 5. 2. 6d;

4. .................................................. £23. 0. 0d;

5. .................................................. £12. 9. 6d;

6. .................................................. £25. 0. 0d;

7. .................................................. £12. 0. 0d;

8. In kwantu għall-ispejjeż li saru għall-kura ta' Annie Schembri f'Catania, il-Qorti taqbel mal-perit legali li kulħadd għandu għal saħħtu d-dritt jikkonsulta ruħu aktar milli ma' tabib wieħed, lokali jew esteru, basta li ma jkunx hemm eżaġerazzjonijiet. Taqbel ukoll mal-perit ġudizzjarju li, meta marru l-omm u l-missier ta' Annie Schembri f'Catania biex jinvistaha tabib, peress li t-tifla kienet għadha minorenni, kien xieraq li jmur xi wieħed mill-ġenituri tagħha, imma l-konvenut ma għandux ibati għall-permanenza f'Catania taż-żewġ ġenituri. Għalhekk, fuq din il-pretensjoni, l-attur nomine ħaqqu:— (a) Ta' erbgħa

passaġġi bl-ajru Malta-Catania u ritorn £33; (b) drittijiet professjonali tat-tobba Russo u Schillaci (Lt. 22,000) £12. 14. 3d; (c) alloġġ ta' tnejn minn nies għal tnax il-ġurnata kalkulati bl-10s. r-ras kuljum £12. Total ta' din il-partita £57. 14. 3d;

Total "damnum emergens" £187. 16. 2d;
*Omissis*

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza appellata, l-appellant ġie dikjarat responsabbli tal-kolliżjoni in kwistjoni, u kwindi tad-danni li sofriet fiha l-attriċi Annie Schembri. L-ammont tad-danni l-Ewwel Onorabbli Qorti llikwidatu fis-somma komplessiva ta' £1057.16.3, ċjoè in kwantu għal £187.16.3 in riżarċiment ta' telf u spejjeż effettivament sofferti, u in kwantu għal £870 għad-diżabilità u offiżi personali riportati mill-attriċi;

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, tant għal dawk li ġew mill-Ewwel Onorabbli Qorti kompriżi taħt il-kap ta' "damnum emergens", kemm għall-ammont akkordat bħala "lucrum cessans", xejn kuntrarju ma ntqal mill-appellant, la fil-petizzjoni tal-appell u lanqas fit-trattazzjoni orali. Assumendo li din il-Qorti taqbel, kif fil-fatt taqbel, mal-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar ir-responsabbiltà esklużiva tal-appellant għall-kolliżjoni u għad-danni, ma hemm xejn li jinduċi lill-Qorti li tvarja b'xi mod dik il-likwidazzjoni. Il-partiti kollha tad-"damnum emergens" huma manifestament dawk dovuti, u l-ammont likwidat bħala "lucrum cessans" meta wieħed iqies il-leżjoni personali gravi li sofriet l-attriċi fl-aħjar ta' żogħżitha, bid-deformità li ġiebetilha f'minkbejha u l-inkapaċità serja għall-ħajjitha kollha li tħaddem dik l-id, dak l-ammont ma jistgħax ħlief jitqies modest ħafna;

L-aggravju tal-appellant hu aktar radikali, in kwantu fl-ewwel lok hu jinnega għal kollox kwalsijasi responsabbiltà għall-kolliżjoni. It-teżi tiegħu hi illi l-kolliżjoni ġrat ħtija tad-driver tal-karrozza l-oħra li kienet involuta;

Il-fatti huma ġa rikapitolati fis-sentenza appellata. L-Ewwel Onorabbli Qorti qablet dwar din il-kwistjoni mal-

konklużjoni li kien wasal fiha l-perit ġudizzjarju nominat minnha; u din il-Qorti wkoll taqbel mal-istess konklużjoni;

Il-kolliżjoni ġrat bi nhar, għal xi d-9 jew 9.30 a.m., f'parti tat-trieq prinċipali ta' San Pawl il-Baħar......;

Dak li mill-provi jidher li ġara huwa, kif irritenew il-perit ġudizzjarju u l-Ewwel Onorabbli Qorti, illi l-appellant, li, *kif intqal, induna, jew messu nduna*, bil-bus minn xi 60 pied il-bogħod, għażel illi jibqa' dieħel u jagħfas miegħu, fil-waqt li okkupa spazju mill-wisa' disponibbli tat-trieq li dak il-mument kien leġittimament ġa okkupat mill-*bus*; u *għamel din il-manuvra* waqt li kien *qiegħed* isuq bi speed eċċessiv fiċ-ċirkustanzi, u li kien jimpedieh milli jkollu kontroll sigur tal-vejikolu u apprezzament tajjeb tal-konsegwenzi;

Dwar li "speed", l-appellant u ħuh isemmu bejn għaxra u ħmistax il-mil fis-siegħa. Apparti milli anki speed ta' din ix-xorta seta' fiċ-ċirkustanzi kien ukoll kolpus, ġa ladarba *l-appellant għafas wisq mal-bus wara li kien lemaħħa* minn xi 60 pied il-bogħod kif intqal, u ma żammx kemm seta' lejn is-side tiegħu, il-fatti juru illi fil-verità li-speed kien wisq għola. Ħu l-appelant xehed......;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet, u dawk miġjubin fis-sentenza appellata u *fil-perizja*, din *il-Qorti hi ta' fehma illi l-kolliż*joni ġrat bi ħtija tal-appellant, mingħajr ebda ħtija da parti tad-driver l-ieħor;

*Iżda, subordinatament*, l-*appellant issottometta illi*, anki jekk stess il-kolliżjoni saret tort tiegħu, hu ma għandux jirrispondi għall-leżjonijiet riportati mill-attriċi. Jidher mill-provi illi fil-waqt tal-kolliżjoni l-attriċi kellha minkibha *jistrieħ fuq it-tieqa tax-char-a-banc, sporġenti l-barra* xi pulzier, u li kieku ma kienx għal dan il-fatt aktarx illi hi ma kienetx tkorri. Iżda din il-Qorti, bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti, u bħal perit ġudizzjarju, hi ta' fehma li dan il-fatt *ma jneħħix u anqas inaqqas ir-responsabbiltà tal-appellant*. Ċertament, hu veru illi, kieku l-attriċi ma kellhiex minkibha fejn kien, hi ma kienetx tkorri; iżda dan hu raġunament fih *innifsu* fallaċi għal kollox bħala kriterju ta' kawżalità. Kull

darba li jiġi maqtul jew korrut bniedem b'karozza, dejjem jista' jingħad illi, kieku hu ma kienx f'dak il-post, f'dik il-pożizzjoni f'dak il-ħin, hu ma kienx jiġi maqtul jew korrut. Iżda l-kwistjoni hi min kien il-kawża, f'sens legali, taddannu. "Two causes may both be necessary pre-conditions of a particular result, yet the one may, if the facts justify that conclusion, be treated as the real, substantial, direct or effective cause, and the other dismissed as at least a cause sine qua non and ignored for purposes of legal liability" (per Lord Asquith in "Stapley vs. Gymsum Mines" (1953) A.C. 677);

Fil-każ preżenti, kif intqal fuq, il-kolliżjoni kkaġunaha l-appellant, u bi ħtija tiegħu. Għal dik il-kolliżjoni ma kkontribwixxa bl-ebda mod il-fatt tal-pożizzjoni ta' minkeb l-attriċi, u lanqas għall-ħsara li ġrat lilha f'dak il-minkeb ma jista' jingħad li kkontribwiet hi b'fatt li fih innifsu hu kolpus. Seta' kien ikun hemm ħafna x'wieħed jgħid kieku, per eżempju, it-truck tal-appellant kien qiegħed iżomm il-"margin of safety" meħtieġ waqt li kien qed jgħaddi lil-bus u l-attriċi kienet talment spurġuta l-barra mill-bus li ġiet milquta, u għalhekk, f'każ simili, il-ħtija setgħet tkun kollha tagħha; jew kieku t-truck tal-appellant, għalkemm ma kienx qiegħed iżomm il-"margin of safety" kollu meħtieġ, ma rrukkax il-bus, iżda laqat id l-attriċi għax kienet maħruġa l-barra ħafna mil-bus; f'każ simili setgħet tkun hemm in-negliġenza kontributorja tagħha. Iżda fil-każ preżenti xejn minn dan kollu ma ġara. It-truck tal-appellant ħaxken il-bus b'mod li qaċċatlu l-ħsaten jew virgi waqt li minkeb l-attriċi ma kienx jisporġi ħlief minimament, daqs jew forsi anqas mill-istess ħsaten jew virgi;

Kif sewwa wisq irrileva l-perit ġudizzjarju, ċerti sporġenzi minn vettura, bħal ta' id il-konduċent biex jagħmel senjalazzjonijiet, jew ta' vleġġeġ ta' direzzjoni, huma komunissimi u perfettament permessi, u vettura li tkun tinkroċja jew tissorpassa oħra hi obbligata żżomm id-distanza laterali suffiċjenti biex tipprovdi għalihom. Meta wieħed jirraġuna, kif ingħad, "col senno di poi", naturalment wieħed jixtieq illi l-attriċi ma kelliex minkibha fejn kien. Kien ikun aħjar għal kullħadd, partikolarment għaliha. Imma dan hu parir ta' previżjoni, u mhux indizju ta' negliġenza jew imprudenza kolpuża kontemplata mill-liġi. Meta fuq tren jew vetturi ta' barra wieħed jaqra l-avviż "è peri-

coloso sporgersi", żgur li ħadd qatt ma jgħaddilu minn *rasu illi ma jistgħax. per eżempju, ipoġġi jdejh fuq il-ħoġor* tat-tieqa b'mod illi l-għeqiesi tas-swaba jisporġu xi nofs pulzier jew pulzier il-barra. Din hi ħaġa komunissima, bħal ma hi ħaġa komunissima li wieħed iserraħ minkbu f'dak il-post f'karrozza hawn Malta. Ċertament, din hi drawwa nkonsulta miil-punto di vista tal-inkolumità tal-passiġġieri, in kwantu li, jekk ikorru, kif korriet l-attriċi, ebda kumpens pekunjarju, aktarx, ma hu qatt biżżejjed, hu kemm hu, biex ipattilhom għal dak li jkunu tilfu; iżda dan ma għandux iservi ta' pretest biex dak li jkun korrihom bi ħtija tiegħu *ma jħallasx almenu d-danni*;

Forsi jista' wkoll jiġi rilevat illi fiż-żmien li ġara l-inċident fil-każ preżenti l-attriċi kellha biss erbatax il-sena. Jgħid ix-Shawcross:— "A child will not be found to be guilty of contributory negligence if it shows as much care as one of its age could reasonably be expected to show. This is an exception to the rule that negligence is an objective matter. It will not, of course, be able to recover *damages for injuries caused* by behaviour which gave a careful motorist no opportunity to avoid the accident, for in such a case it will not be able to prove the liability of the defendant. Where, however, the defendant has been guilty of negligence it will be no answer for him to say that the child caused the accident by showing a want of care which an older or more experienced road-user would have avoided" (The Law of Motor Insurance, 2nd edition, p. 30). Imma ġa ntqal aktar il-fuq illi l-isporġenza, minima fil-każ preżenti, hi għall-finijiet kollha legali insinifikanti u *traskurabbli fir-riċerka tal-kawżalità*, mhux biss għal tfal imma għal kulħadd. "The phrase (Contributory Negligence)", jingħad fil-Winfield On Tort, 6th edition, 1954, p. 507, n. (1), "though established, is misleading, in that it might appear to include any event connected with the causation of the accident. But in fact unless the negligence were such as to contribute materially to the accident, it must be ignored" (per Lord Porter in Caswell's Case (1940) A.C. 152, 185-6). Infatti, ma jistgħax ikun hemm "contributory negligence", jew kolpa kontributorja, jekk ma hemmx "*kolpa*" *fis-sens ta' mprudenza* jew negliġenza materjali u kawżattiva fis-sens tal-liġi li hi biss tista', "pro tanto", tippriva lill-attriċi mill-ħlas lilha tad-danni;

**Għal dawn il-motivi, u għal dawk tal-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż kontra l-appellant.**